# 66. Niftakar

Niftakar
tal-qniepen il-mota ferrieħa,
u l-Ave Maria ta' Schubert
taż-żahar il-fwieħa
u l-għafsa ta' driegħek ma' driegħi,
u l-ħeġġa ta' wiċċek ħamrani,
u l-mantar bajdani
jitkaxkar mal-qiegħa
tal-korsija:
id-dija u d-dawl tal-parilja,
il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
sbuħitna
mħabbitna
u xita ta' ross
li niżlet għal fuqna bla ħoss
imbagħad ix-xampanja
li tfawwar bil-qawwa,
bir-rgħawa
u l-kejk qisu torri bajdan
u l-foxtrot, u t-tango, u l-valzer,
u s-sakra u ż-żifna
tal-qraba u l-ħbieb,
imbagħad qajla qajl
ftit ftit qabdu l-bieb,
u bqajna ġo darna
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
jien u int
u int u jien
u jien kollni tiegħek
u int kollok tiegħi
bħal Eva u Adam;
qalb waħda, nifs wieħed,
int rieqda, jien rieqed,
u ħolma ta' hena
ta' ferħ u tgawdija,
ta' dawl u ta' dija,
ta' ġid u ta' sliem, bla tmiem!

Niftakar
tal-qniepen il-mota newwieħa,
u r-riħa
tal-ward tal-kuruni,
u erba' gandlieri
u żewġ fillieri ta' tfal iltiema
jgħidu l-Missierna u s-Sliema
u r-Requiem Eterni,
u stola sewdiena
u ġemgħa bil-ħrara
ma' biebna biex tara
żgħożitek
sbuħitek
hekk ħesrem mitmuma f'tebut
il-ħsejjes taż-żwiemel għaddejja,
il-ħsejjes tax-xorok jinqalgħu,
il-qabar, il-għadam, id-dud,
il-ħabel iżaqżaq bil-piż tat-tebut
il-ħoss tal-kazzola mal-art
u l-qabar jitgħatta bil-ward,
imbagħad lura d-dar
u talb u rużarju
sa x'ħin il-ħin sar,
il-qraba u l-ħbieb
qajl qajl qabdu l-bieb,
u bqajna ġo darna
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
jien u l-Baħħ
il-Baħħ u jien
jien nibki
l-Baħħ jibki
ħdejn sodda ta' tnejn
mifruxa ta' xejn!